

Brussell, 17 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

17028/24

COSCE 6
COPS 703
CFSP/PESC 1833

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 16645/24	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2025-2026

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2025-2026, kif approvati mill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2025-2026

1. Il-75 anniversarju tal-Kunsill tal-Ewropa (KtE) fl-2024 kien okkażjoni importanti biex jiżdied l-għarfien dwar l-impatt pożittiv tal-Organizzazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nies u l-kisbiet konsiderevoli tagħha fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Ewropa f'aktar minn tliet kwarti ta' sekl.
2. Fl-2025, hekk kif l-UE tfakkar il-25 anniversarju mill-proklamazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u l-KtE jfakkar il-75 anniversarju tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali ser jibqgħu ta' importanza kbira fil-ħidma konġunta tagħna.
3. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ għall-funzjonament effettiv tas-sistema tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa u l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet tal-KtE li aderiet magħhom.
4. Fil-kuntest attwali ta' pressjoni bla heda fuq is-sistema istituzzjonali multilaterali, l-UE ser timmira li tqiegħed aktar is-sħubija strateġika mal-KtE bħala eżempju ewlieni ta' kooperazzjoni multilaterali effettiva dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, filwaqt li tippromwovi l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità reġjonali.
5. L-UE hija s-sieħeb istituzzjonali ewlieni tal-KtE f'termini politiċi, finanzjarji u legali, kif riaffermat fid-Dikjarazzjoni ta' Reykjavik ta' Mejju 2023. L-UE ser tikkoopera mill-qrib mal-KtE biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħha. F'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Reykjavik, l-UE ser tappoġġa lill-Kunsill tal-Ewropa fit-tkomplija tal-proċess ta' riforma biex jinkisbu aktar trasparenza, effiċjenza u effettività, inkluż billi tiffoka fuq attivitajiet fejn il-KtE għandu vantaġġi komparattivi.
6. L-UE tirriafferma għid l-impenn tagħha għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż l-eżekuzzjoni effettiva u f'waqtha tas-sentenzi tagħha. Tibqa' determinata li taderixxi mal-Konvenzjoni u tistenna b'interess li tkompli tavvanza biex jintlaħaq dan l-għan importanti, minqux fl-Artikolu 6(2) TUE.

7. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna toħloq sfida persistenti għall-paċi u s-sigurtà Ewropea, kif ukoll għall-valuri demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, li huma l-pedament tal-Unjoni Ewropea. L-UE ser tkompli taħdem mill-qrib mal-KtE biex ir-Russja u t-tmexxija tagħha jerfgħu r-responsabbiltà sħiħa għat-twettiq tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u għal delitti oħra mill-aktar serji skont id-dritt internazzjonali, kif ukoll għall-ħsara kkawżata mill-gwerra tagħha. Iż-żewġ organizzazzjonijiet jibqgħu impenjati favur id-drittijiet tal-vittmi għall-ġustizzja u r-reparazzjonijiet, kif ukoll garanziji ta' nonrepetizzjoni. Ser ikomplu jaħdmu flimkien għall-istabbiliment tat-Tribunal Speċjali għad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, filwaqt li jiżguraw li l-evidenza miġbura miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni tkun tista' tiġi ttrasferita lit-Tribunal Speċjali u tintuża quddiemu. L-UE, bħala Parteċipant sħiħ fir-Reġistru tad-Danni għall-Ukrajna, u l-KtE ser ikomplu jaħdmu flimkien biex jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kumpens komprensiv internazzjonali.
8. L-UE ser tkompli tkun involuta b'mod attiv fl-attivitajiet tal-KtE b'appoġġ għall-Ukrajna u l-poplu tagħha, fosthom l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ukrajna "Reżiljenza, Rkupru u Rikostruzzjoni" 2023-2026 u l-ħidma tal-Grupp ta' Konsultazzjoni dwar it-Tfal tal-Ukrajna (CGU).
9. It-tkabbir tal-UE huwa investiment strateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità madwar il-kontinent u għodda b'saħħitha għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, li fuqhom huma msejsa l-UE u l-KtE. L-UE ser tkompli tikkoopera mill-qrib mal-KtE u l-esperti u l-korpi ta' monitoraġġ tiegħu biex tingħata gwida f'dawn l-oqsma. Permezz tal-Programmi Konġunti bejn l-UE u l-KtE, iż-żewġ organizzazzjonijiet ser ikomplu jappoġġaw ir-riformi mmirati biex jissodisfaw il-kriterji tas-sħubija tal-UE relatati mal-prinċipji fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.
10. L-UE tilqa' l-kooperazzjoni bejn il-KtE u s-soċjetà ċivili, il-forzi demokratiċi, il-media indipendenti u l-ġurnalisti, u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Belarussi, inkluż fil-qafas tal-Grupp ta' Kuntatt tal-KtE u l-istabbiliment tal-Punt ta' Informazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Persuni Belarussi f'Vilnius.

11. L-UE ser taħdem ukoll mal-KtE biex issib modi kif issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-atturi tas-soċjetà ċivili indipendenti Russi, il-media u l-għurnalisti indipendenti, u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, attivi kemm fir-Russja kif ukoll lil hinn minnha.
12. Il-Politika tal-Viċinat tan-Nofsinhar tal-Kunsill tal-Ewropa u ċ-Ċentru Ewropew għall-Interdipendenza u s-Solidarjetà Globali kienu kruċjali biex jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, titrawwem is-solidarjetà u jiġu promossi l-istabbiltà fl-Ewropa kif ukoll fir-reġjuni ġirien tagħha. L-UE ser tkompli tappoġġa l-ħidma taċ-Ċentru tat-Tramuntana-Nofsinhar tal-KtE.
13. Illum il-ġurnata, l-impatt tal-KtE jmur lil hinn sew mill-kontinent Ewropew, peress li għadd kbir tal-konvenzjonijiet tiegħu huma miftuħa għall-iffirmar globali u diversi mekkaniżmi tiegħu jestendu madwar id-dinja. L-UE ser tkompli tippromwovi l-adeżjoni ta' Stati mhux Ewropej għall-konvenzjonijiet l-aktar rilevanti tal-KtE. Ser ikun hemm attenzjoni partikolari fuq dawk il-konvenzjonijiet li permezz tagħhom il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi tista' tissaħħaħ fil-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera serja, speċjalment il-kriminalità organizzata.
14. L-Unjoni ser tkompli taġixxi fi sħubija mal-KtE fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE fir-relazzjonijiet esterni tagħha, kif iggwidata mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2020-2027).
15. L-UE hija l-akbar donatur għar-riżorsi ekstrasġitarji tal-KtE. Il-pakkett kumulattiv totali tal-programmi konġunti tagħna żdied minn EUR 95 miljun fl-2013 għal EUR 245 miljun fl-2023. Fl-2025 u l-2026, minbarra l-faċilitajiet reġjonali tagħna fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali u fil-viċinat tal-Unjoni, l-UE beħsiebha tkompli tappoġġa t-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' riformi istituzzjonali, amministrattivi u strutturali li jsaħħu t-tkabbir fl-Istati Membri tagħha permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.

16. L-UE ser tagħmel sforz biex ittejjeb il-viżibbiltà u l-komunikazzjoni dwar ir-risultati konkreti miksuba permezz tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-KtE, inkluż permezz ta' dikjarazzjonijiet konġunti u avvenimenti ta' livell għoli dwar suġġetti ta' interess komuni. L-involviment regolari tas-soċjetà ċivili jista' jikkontribwixxi wkoll biex tittejjeb din il-viżibbiltà.
17. Fis-sentejn li ġejjin, il-kooperazzjoni ta' benefiċċju bejn l-UE u l-KtE ser tkompli tul it-tliet pilastri ewlenin tas-sħubija strateġika - id-djalogu politiku, il-kooperazzjoni legali u l-kooperazzjoni programmatika, b'enfasi fuq il-prijoritajiet li ġejjin interkonnessi u li jsaħħu lil xulxin fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt:

DRITTIJET TAL-BNIEDEM

18. L-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u l-qerda tat-tortura u trattament jew pieneni krudili, inumani jew degradanti oħra huma essenzjali biex tiġi żgurata d-dinjità tal-bniedem u jiġi rrispettat id-dritt għall-ħajja. L-UE ser tkompli tappoġġa aktar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u promozzjoni biex jiġrawwem dibattitu miftuħ, trasparenti u demokratiku lejn l-abolizzjoni sħiħa tal-piena tal-mewt, inkluż permezz ta' Dikjarazzjoni Konġunta annwali UE-KtE kontra l-piena tal-mewt. L-UE tibqa' impenjata wkoll li teqred il-forom kollha ta' tortura u trattament ħażin, inkluż il-promozzjoni tal-ġustizzja u r-reparazzjoni għall-vittmi u t-tisħiħ tal-involviment tas-superstiti.
19. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni, inkluż il-libertà tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media, kemm online kif ukoll offline. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, l-appoġġ għal media indipendenti u pluralistika u l-iżgurar tar-responsabbiltà għal reati kontra l-ġurnalisti. L-UE ser issegwi mill-qrib il-ħidma tal-Pjattaforma tal-KtE għall-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti għall-monitoraġġ tat-theddid u t-tisħiħ tal-protezzjonijiet, b'enfasi fuq dawk li jirrapportaw minn żoni ta' konflitt, li jinvestigaw il-korruzzjoni u jirrapportaw dwar il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

20. L-UE ser tkompli tappoġġa l-*ħidma tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem*, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-*organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili*. Il-kooperazzjoni mal-KtE hija importanti wkoll fir-rigward ta' mekkaniżmi tal-UE bħall-Protezzjoni tad-Difensuri. L-UE ser tkun attur ewlieni fil-promozzjoni ta' ambjent online u offline sikur u abilitanti għas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom dawk fl-eżilju. Ser tagħti attenzjoni speċjali lis-sorveljanza online illegali u ser topponi miżuri legali u amministrattivi li jnaqqsu l-ispazju ċiviku. L-UE ser tikkundanna kwalunkwe forma ta' rappreżalji kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jikkooperaw, ifittxu li jikkooperaw jew li kkooperaw mal-Kunsill tal-Ewropa.
21. L-UE ser tapprofondixxi l-*ħidma tagħha biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u biex tipprevjeni u tiġġieled il-vjolenza domestika, sesswali u abbażi tal-ġeneru*, inkluż fejn rilevanti permezz tal-implimentazzjoni tal-"Konvenzjoni ta' Istanbul". Il-"Konvenzjoni ta' Istanbul" dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ġiet ratifikata mill-UE fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, relatati mal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement. L-UE ser issawwar ukoll sinerġiji bejn l-oqfsa politiċi u legali differenti dwar it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'enfasi fuq l-implimentazzjoni msaħħa tagħhom.
22. Iż-żewġ organizzazzjonijiet ser isegwu sforzi konġunti mmirati lejn l-avvanz tar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal, kif stipulat fl-istrategġiji rispettivi tal-UE u tal-KtE. Ser tingħata attenzjoni partikolari għall-parteeċipazzjoni tat-tfal, il-protezzjoni integrata tat-tfal, il-ġustizzja adattata għat-tfal, l-emanċipazzjoni u l-protezzjoni diġitali, l-inklużjoni tat-tfal fil-bżonn u lit-tfal f'żoni ta' kunflitt f'konformità mal-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati li ġew aġġornati reċentement. L-UE u l-KtE ser ikomplu wkoll bl-isforzi konġunti mmirati lejn il-benesseri u l-protezzjoni tat-tfal tal-Ukrajna, speċjalment dawk li ġew deportati illegalment, trasferiti bil-forza u adottati illegalment fir-Russja, filwaqt li jitolbu r-ritorn sikur tagħhom u l-rfiġ tar-responsabbiltà tal-awturi, filwaqt li jappoġġaw l-attivitajiet tal-Koalizzjoni Internazzjonali għar-Ritorn tat-Tfal Ukreni.

23. L-UE ser tkompli ssaħħa il-kooperazzjoni tagħha mal-KtE hekk kif tavanza bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tagħha għal għieda aktar effettiva kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, li tkopri tliet aspetti ewlenin, jiġifieri l-prevenzjoni, l-appoġġ għall-investigazzjonijiet, u l-assistenza lill-vittmi. Hija ser tkompli tippromwovi l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali ("il-Konvenzjoni ta' Lanzarote") u żżomm il-kollaborazzjoni effettiva tagħha mal-Kumitat tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali.
24. L-UE ser tkompli tinvolvi ruħha wkoll fl-attivitajiet tal-KtE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tar-refuġjati, b'mod partikolari d-dritt fundamentali għall-ażil u l-prinċipju ta' non-refoulement. B'rabta ma' dan, l-UE ser tagħti attenzjoni speċjali lin-nisa u lill-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli bħat-tfal mhux akkumpanjati, il-persuni LGBTI, il-persuni b'diżabilità jew dawk li jiffaċċaw diskriminazzjoni jew vjolenza, kif ukoll l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti. L-UE hija impenjata li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u s-salvagwardji proċedurali fir-rigward tal-persuni kollha li jfittxu l-ażil u r-refuġjati u l-migranti kollha irrispettivament mill-istatus tagħhom f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħna u l-Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja.
25. L-UE ser tkompli tikkomunika mal-KtE u l-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA) tiegħu, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin u mad-Direttiva riveduta dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, bil-għan li jissaħħu l-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u r-rispons għalih, jittejbu l-protezzjoni, l-appoġġ u l-emanċipazzjoni tal-vittmi u tissaħħa il-kooperazzjoni reġjonali fuq id-dimensjoni internazzjonali ta' dan id-delitt.

26. Filwaqt li l-UE tibqa' favur li l-KtE jsahha l-azzjonijiet tiegħu fil-qasam tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti f'konformità mal-qafas eżistenti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-KtE tal-2020 dwar it-Trawwim tal-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Istrateġiji Investigattivi, l-UE temmen li l-enfasi jeħtieġ li tkun fuq ir-reviżjoni u l-monitoraġġ tal-oqfsa legali eżistenti fil-livell tan-NU u tal-UE, minflok it-tħejjija ta' Konvenzjoni ġdida tal-KtE f'dan il-qasam.
27. L-UE ser tikkoopera mal-KtE biex tiżdied l-azzjoni għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni b'attenzjoni għal forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni inkluż abbażi ta' sess, razza, kulur tal-ġilda, orġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. Hija ser tkompli bl-iskambji dwar politiki u inizjattivi għall-ġlieda kontra r-razziżmu, l-antiżingariżmu, l-antisemitiżmu u l-mibegħda anti-Musulmana. L-UE ser tippromwovi wkoll it-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni LGBTI f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti u l-istandards applikabbli. Ser tikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) u d-dipartimenti u l-funzjonijiet speċjalizzati l-oħra kollha.
28. F'konformità mal-artikoli rilevanti dwar in-nondiskriminazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa ser jaħdmu flimkien bl-għan li jippromwovu r-rispett għad-diversità billi jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali f'konformità man-normi u l-istandards applikabbli tal-Kunsill tal-Ewropa u mar-rakkomandazzjonijiet applikabbli tal-Kummissjoni ta' Venezja.
29. Attivitajiet konġunti biex jiġi miġġieled it-tixrid ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda (online u offline) ser jingħataw ukoll attenzjoni partikolari. Il-KtE jibqa' sieħeb privileġġat tal-UE fil-kuntest tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-KtE.

30. Ser tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib fir-rigward tad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-Konvenzjoni Modernizzata għall-Protezzjoni ta' Indivdwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali (il-"Konvenzjoni 108+") u l-kontribut għall-ħidma tal-Kumitat Konsultattiv tal-KtE tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Indivdwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali (T-PD).
31. Barra minn hekk, l-involvement ser ikompli jirrispetta d-drittijiet tal-indivdwi kkonċernati minn proċedimenti kriminali, b'mod partikolari d-dritt ta' proċess ġust u d-drittijiet tad-difiża. L-UE ser tkompli tippromwovi l-istrumenti tal-KtE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali biex tkompli ttejjeb il-fehim komuni tal-istandards internazzjonali applikabbli f'dan il-qasam. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2022 dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u tal-persuni akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar il-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tal-impożizzjoni tal-arrest preventiv, id-daqs taċ-ċella, il-ħin imqatta' barra, in-nutrizzjoni u l-kundizzjonijiet tal-kura tas-saħħa, kif ukoll inizjattivi bil-ħsieb tar-riintegrazzjoni u r-riabilitazzjoni soċjali. L-UE ser tkompli taħdem mill-qrib mal-KtE dwar dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest tal-finanzjament ipprovdut taħt il-Programm dwar il-Ġustizzja tal-Kummissjoni għan-Network ta' Korpi għall-Monitoraġġ tal-Ħabsijiet.
32. Barra minn hekk, l-UE ser tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-KtE biex tippromwovi standards internazzjonali għoljin għad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità, kif enfasizzat fl-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025). Din il-kollaborazzjoni hija partikolarment valida fid-dawl tal-adozzjoni fil-15 ta' Marzu 2023 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-drittijiet, is-servizzi u l-appoġġ għall-vittmi tal-kriminalità u l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi fit-12 ta' Lulju 2023. Il-ħidma flimkien f'dan il-qasam ser tgħin biex ittejjeb il-qafas għall-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, issaħħaħ il-ġustizzja ċċentrata fuq il-vittmi u, konsegwentement, iżżid is-sigurtà taċ-ċittadini kollha.

33. Fil-kuntest tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali, l-UE ser taħdem flimkien mal-KtE dwar ir-rispett, il-protezzjoni u l-garanzija tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-Karta Soċjali Ewropea u l-Karta Soċjali Ewropea riveduta, b'kont meħud tal-impenji skont id-Dikjarazzjoni ta' Vilnius. L-UE ser tkompli tikkoopera wkoll mal-KtE dwar l-inklużjoni tar-Rom u l-implimentazzjoni tal-impenji li saru fis-Summit Soċjali tal-UE tal-2021 f'Porto.
34. L-UE ssegwi mill-qrib żviluppi normattivi ġodda possibbli rigward id-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, san u sostenibbli. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-bini tar-reżiljenza għall-impatti tiegħu kif ukoll diskussjonijiet dwar il-ħtieġa u l-fattibbiltà ta' strument jew strumenti ulterjuri dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, u jqis il-ġurisprudenza li qed tiżdied. L-UE ser tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-ambjent flimkien ma' integrazzjoni aktar b'saħħitha ta' kwistjonijiet ambjentali. Barra minn hekk, l-UE tirrikonoxxi r-rwol kruċjali tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam ambjentali u ser tappoġġa l-isforzi tagħhom fl-indirizzar tar-reati ambjentali.
35. Il-ġlieda kontra r-reati ambjentali hija prijorità ewlenija oħra għaż-żewġ organizzazzjonijiet. It-test tal-Konvenzjoni l-ġdida dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali ġie maqbul mill-esperti fis-7 ta' Ġunju 2024. Il-Konvenzjoni fiha lista komprensiva u aġġornata ta' reati u dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet u l-infurzar, u għandha l-potenzjal li tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali biex tkompli ssaħħaħ il-ġlieda kontra r-reati ambjentali. L-UE u l-KtE ser jaħdmu flimkien biex jiksibu appoġġ politiku għal dan it-test ambizzjuż u jippromwovu l-Konvenzjoni lis-sħab internazzjonali.
36. Bħala Parti għall-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa (il-"Konvenzjoni ta' Berna"), l-UE ser tkompli taħdem lejn l-integrazzjoni tal-protezzjoni u r-restawr tan-natura fl-aġenda ambjentali usa' kemm tal-UE kif ukoll tal-KtE, u tikkontribwixxi għall-isforzi biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja fit-tul tal-Konvenzjoni.

37. F'konformità mal-Att tal-UE dwar l-IA, l-UE ser tkompli taħdem mal-KtE biex jiġi żgurat approċċ responsabbli, iffukat fuq id-drittijiet tal-bniedem u sostenibbli għall-iżvilupp, id-disinn u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali. Wara l-iffirmar mill-UE tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt ("il-Konvenzjoni ta' Vilnius"), l-Unjoni ser timmira li tiġi rratifikata f'waqtha. Filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol dinji tal-Kunsill tal-Ewropa fl-istabbiliment tal-istandards, kif muri mill-Konvenzjoni Qafas, l-UE ser tikkontribwixxi għall-promozzjoni tagħha u ser tipparteċipa fl-iżvilupp ta' rakkomandazzjoni tal-KtE dwar l-ugwaljanza u l-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li tistinka biex tiżgura l-kompatibbiltà mal-Att tal-UE dwar l-IA u ma' normi u standards oħra tal-UE. L-UE ser tkompli tippromwovi l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'kuntesti diġitali.
38. L-UE ser tkompli tippromwovi internet globali, miftuħ, liberu u sigur, kif ukoll il-governanza responsabbli tal-pjattaformi u l-moderazzjoni tal-kontenut, filwaqt li tikkundanna l-qtuġh tal-internet, iċ-ċensura online u s-sorveljanza online illegali, tiġġieled kontra d-diżinformazzjoni u tippromwovi l-integrità tal-informazzjoni u l-protezzjoni tal-minorenni online.
39. F'konformità mal-enfasi akbar fuq kwistjonijiet ta' negozju u drittijiet tal-bniedem fil-livell internazzjonali u d-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva adottata reċentement, l-UE ser tikkoopera mal-KtE biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà tal-kumpaniji għall-impatti negattivi li l-attivitajiet tagħhom għandhom fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, inkluż fil-ktajjen tal-valur tagħhom, u l-aċċess effettiv tal-vittmi għall-ġustizzja.
40. Konvinta mill-valur sostantiv li ġġib magħha l-ħidma tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem għat-twettiq tal-missjoni tal-KtE, l-UE hija lesta li tikkollabora aktar mill-qrib mal-uffiċċju tiegħu fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-KtE.

DEMOKRAZIJA

41. L-UE ser tkompli timpenja ruħha mal-KtE biex issaħħaħ id-demokrazija madwar l-Ewropa. Iż-żewġ organizzazzjonijiet ser jikkooperaw biex jiġġieldu l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, inkluż kampanji ta' diżinformazzjoni u d-distorsjoni tal-istorja. Barra minn hekk, ser jaħdmu flimkien biex jindirizzaw l-isfidi eżistenti għad-demokrazija u l-attakki eżistenti kontriha, billi jiġġieldu l-kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika u jappoġġaw elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u trasparenza u inklużività akbar tal-proċessi u l-oqfsa demokratiċi, u aktar involviment taċ-ċittadini.
42. L-UE u l-KtE ser jikkooperaw biex jissalvagwardjaw il-libertajiet ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, li huma kruċjali għal ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili u l-iżgurar ta' parteċipazzjoni demokratika attiva miċ-ċittadini. L-involviment sinifikattiv mis-soċjetà ċivili u magħha jibqa' kwistjoni ta' importanza kruċjali għall-UE. Il-Pjan Direzzjonali tas-Segretarju Ġenerali tal-KtE dwar l-involviment tas-soċjetà ċivili jipprovdi diversi ideat tajbin, bħall-inklużjoni ta' pilastru tas-soċjetà ċivili fil-ħidma tal-Kumitat ta' Tmexxija l-ġdid dwar id-Demokrazija (CDDEM). L-UE lesta li tikkontribwixxi għall-ħidma tas-CDDEM, inkluż fir-rigward tal-operazzjonalizzazzjoni tal-Prinċipji ta' Reykjavik għad-Demokrazija.
43. L-UE u l-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-UE jibbenefikaw b'mod sinifikanti mill-għarfien espert tal-Kummissjoni ta' Venezja fit-titjib tal-istandards kostituzzjonali u tal-liġi elettorali. L-UE ser tfittex li tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Kummissjoni ta' Venezja fit-trawwim ta' riformi elettorali, inkluż dawk ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE.
44. Fil-qasam tal-edukazzjoni, l-UE u l-KtE ser jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja inklużiva, innovattiva u interkonnessa, li tiffoka fuq il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri akkademiċi fundamentali, bħal-libertà akkademika. Huma ser ikomplu jappoġġaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki fil-qasam kollu u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Liżbona dwar ir-Rikonoxximent u l-prinċipji tagħha. L-UE u l-KtE ser ikomplu jippromwovu wkoll edukazzjoni ta' kwalità dwar iċ-ċittadinanza.

45. Il-kompetenzi lingwistiċi żviluppati ħafna huma essenzjali għall-apprendiment, l-integrazzjoni, l-impjegabbiltà u l-koeżjoni soċjali. L-UE ser tkompli l-kollaborazzjoni tagħha maċ-Ċentru Ewropew għal-Lingwi Moderni tal-KtE biex tippromwovi l-eċċellenza u l-innovazzjoni fit-tagħlim tal-lingwi, u l-implimentazzjoni ta' politiki effettivi dwar l-edukazzjoni lingwistika. Għandha wkoll l-għan li toffri edukazzjoni ta' kwalità għall-istudenti migranti - kompetenzi lingwistiċi żviluppati ħafna jinbidlu f'kompetenzi trażversali ewlenin biex jiġu appoġġati l-apprendiment, l-integrazzjoni, l-impjegabbiltà u l-koeżjoni soċjali. L-edukazzjoni multilingwi hija importanti biex jiġu appoġġati d-demokrazija u l-parteċipazzjoni inklużiva taċ-ċittadini kollha, inkluż il-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.
46. L-UE u l-KtE għandhom kooperazzjoni li ilha teżisti u ta' impatt fil-qasam taż-żgħażaġħ permezz tas-Sħubija taż-Żgħażaġħ, li trawwem sinerġiji u kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess komuni li huma ta' benefiċċju għall-ħidma fost iż-żgħażaġħ, il-politika dwar iż-żgħażaġħ u r-riċerka dwar iż-żgħażaġħ. Fl-2025-2026, l-UE ser tiffoka fuq l-integrazzjoni taż-żgħażaġħ fil-politika u l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ. Ser twettaq ukoll proġetti ta' riċerka dwar is-saħħa mentali u l-benesseri taż-żgħażaġħ, il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ, u ż-żgħażaġħ rurali.
47. Ser tkompli wkoll il-kooperazzjoni kostruttiva fir-rigward ta' suġġetti ta' interess reċiproku fil-qasam tal-**isport**, bħall-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u d-diskriminazzjoni, l-isport sikur u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-UE tappoġġa l-oġġettivi u l-prinċipji ewlenin tal-*Konvenzjoni ta' Macolin dwar il-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi* u tafferma mill-ġdid l-importanza li titkompla l-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi.
48. It-tgawdija tad-drittijiet kulturali huwa fattur kruċjali biex jinkiseb żvilupp sostenibbli. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-KtE fil-promozzjoni tal-aċċess għal attivitajiet kulturali u artistiki, il-libertà artistika, id-diversità kulturali, il-kreattività u r-rikonossiment tad-drittijiet tal-awturi, l-artisti u l-professionisti kulturali u kreattivi.

49. Il-kooperazzjoni stabbilita tagħna fil-qasam tal-wirt kulturali ser tkompli bl-edizzjonijiet li jmiss tal-Jiem Ewropej tal-Wirt. Ser tiġi esplorata aktar kooperazzjoni f'oqsma bħall-kontribut tal-wirt kulturali għal temi soċjetali orizzontali bħall-ekwità interġenerazzjonali u l-aċċess taż-żgħażaġh għall-kultura, ambjent tal-ġajxien ta' kwalità għolja, u s-salvagwardja tal-patrimonju kontra diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem.
50. L-UE ser tkompli tippromwovi l-potenzjal tal-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Rotot Kulturali tal-KtE għall-kooperazzjoni kulturali, l-iżvilupp territorjali sostenibbli, il-koeżjoni soċjali u l-għaqda Ewropea.

STAT TAD-DRITT

51. L-għarfien espert tal-KtE u r-rwol tiegħu fl-istabbiliment tal-istandards u ta' monitoraġġ għandhom importanza kruċjali fil-kuntest tal-pakkett annwali tat-Tkabbir tal-UE u ċ-Ċiklu tal-Istat tad-Dritt, inkluż it-tħejjija tar-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE u t-titjib kontinwu tal-għodod tal-UE mmirati lejn il-protezzjoni tal-istat tad-dritt, mhux l-inqas il-pakkett kontra l-korruzzjoni. Il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni ta' Venezja, il-GRECO, il-MONEYVAL, is-CEPEJ u l-korpi rilevanti l-oħra kollha tal-KtE ser tibqa' prijorità ewlenija għas-snin li ġejjin. Bl-istess mod, l-UE tistenna b'interess li tkompli l-kooperazzjoni tagħna fir-rigward tal-politika tat-taħriġ ġudizzjarju bħala ġudikatura kompetenti u effiċjenti li tinsab fuq quddiem nett biex tissalvagwarda l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini.
52. L-UE ser tkompli tirrispetta u tippromwovi l-implimentazzjoni ta' standards u miżuri kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, inkluż dawk għall-protezzjoni tal-informaturi li jirrapportaw ksur f'dawn l-oqsma, fl-Istati Membri tal-UE u fiż-żoni tat-Tkabbir u tal-Viċinat tal-UE. Kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-2023 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-Kummissjoni Ewropea ser tkompli tiddiskuti mal-istituzzjonijiet l-oħra l-possibbiltà li l-UE tersaq lejn parteċipazzjoni sħiħa fil-GRECO.

53. F'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-politika dwar id-drogi, li jistabbilixxu l-qafas politiku u l-prijoritajiet għall-politika tal-UE dwar id-drogi, l-UE ser tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib tagħha mal-Grupp ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-KtE dwar id-Drogi u d-Dipendenzi (il-Grupp Pompidou) biex tipprovdi għarfien, appoġġ u soluzzjonijiet għal politiki effettivi dwar id-drogi li jkunu bbażati fuq l-evidenza u li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem.
54. L-UE hija impenjata li taħdem mill-qrib mal-KtE biex tippromwovi r-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali billi tirrakkomanda u tippromwovi leġiżlazzjoni u politiki kontra t-terroriżmu konformi mad-drittijiet. L-UE ser timmira wkoll li ttejjeb ir-rispons tal-ġustizzja kriminali tagħha f'oqsma bħar-radikalizzazzjoni u r-riintegrazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' trasgressuri terroristiċi. Il-miżuri kontra t-terroriżmu, inkluż miżuri għall-għieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, iridu jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u m'għandhomx jiġu strumentalizzati biex jillimitaw l-ispazju ċiviku, bi ksur tad-dritt internazzjonali.
55. Fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija f'materji kriminali, l-UE ser tkompli timpenja ruħha mal-KtE dwar kwistjonijiet relatati mal-assistenza reċiproka u forom oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità ("Konvenzjoni ta' Budapest") u t-Tieni Protokoll Addizzjonali tagħha dwar kooperazzjoni msaħħa li tippermetti l-preservazzjoni u l-iskambju ta' evidenza elettronika. L-UE ser tkompli wkoll timpenja ruħha mal-KtE dwar kwistjonijiet relatati mal-Konvenzjoni dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska ta' profitti minn attività kriminali u mal-Finanzjament tat-Terroriżmu (il-Konvenzjoni ta' Varsavja), b'mod partikolari fil-kuntest tan-negozjati li għaddejjin dwar Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni, maħsub biex itejjeb l-effettività tal-irkupru tal-assi kriminali filwaqt li jissalvagwarda b'mod effettiv id-drittijiet fundamentali tal-persuni affettwati.
56. L-UE ser taħdem ukoll flimkien mal-KtE fil-qasam tat-traffikar ta' beni kulturali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE futur dwar it-Traffikar ta' Beni Kulturali. Hija ser tkompli tippromwovi l-Konvenzjoni tal-KtE dwar Reati marbutin mal-Proprietà Kulturali ("il-Konvenzjoni ta' Nikosija"), li għandha l-għan li tipprevjeni u tiġġieled it-traffikar illeċitu u l-qerda ta' proprietà kulturali.